MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2009

Appell Civili Numru. 34/2007/1

**Perit Carmel Mifsud Borg**

**vs**

**Kurt Farrugia**

**Il-Qorti,**

Fit-23 ta' Marzu, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**Il-Qorti,
>
> Rat ir-rikors ipprezentat mill-attur fit-13 ta' Frar 2007 fejn talab lil din il-Qorti li 1) prevja d-dikjarazzjoni ta' din il-Qorti li l-allegazzjonijiet kontenuti fit-titolu u fil-kontenut tal-artikolu intitolat "PN donation from government paid telephone line" ippubblikat fil-Maltastar.com tal-11 ta' Dicembru 2006 (Dok A) – ta' liema pubblikazzjoni

huwa editur – huma libelluzi u malafamanti fil-konfront tal-attur u ghandhom bhala skop li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tieghu.

2) thallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata minn din il-Qorti ai termini tal-Art.28 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta pprezentata mill-konvenut Kurt Farrugia fejn eccepixxa:

1. Illi l-pubblikazzjoni msemmija mill-attur mhijiex libelluza fil-konfront tieghu.

2. Illi inoltre l-fatti msemmija fl-artikolu indikat mill-attur evidentement jikkonsistu f'rappurtagg gurnalistiku dwar materja ta' nteress accetabbli f'socjeta' demokratika, kemm taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem, kif ukoll taht il-ligijiet ta' l-istampa. Jekk l-attur deherlu li gew pubblikati jew ixxandru inezattezzi, huwa kellu r-rimedju tar-rettifika taht l-istess Att dwar l-Istampa.

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, fejn tikkontjeni kummenti jew opinjonijiet, il-pubblikazzjoni in kwistjoni tikkonsisti ukoll f'espressjoni ta' l-opinjoni u apprezzament, jew *value judgment*, tal-gurnalist u hija *fair comment* maghmul in buona fede fuq materja ta' interess pubbliku, ammissibbli kemm taht il-Ligi ta' l-Istampa kemm taht il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-attur qieghed jitlob lill-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas ammont ta' danni talli ppubblika artikolu fil-Maltastar.com intitolat *"PN donation from Government paid telephone line."* L-attur hassu malafamat b'dan l-artikolu billi attribwietlu certa fatti illi ma kienux minnhom.

Irrizulta mill-provi illi l-attur huwa *Director General* fid-Divizjoni Servizzi fil-Ministeru tar-Rizorsi u Nfrastruttura. Ilu jokkupa din il-kariga sentejn, pero' qabel dan kien ilu jokkupa l-kariga ta' Direttur fit-Taqsima tax-Xagholijiet Pubblici ghal dawn l-ahhar tnax-il sena. Bhala Direttur ghandu certa beneficcji fosthom l-uzu tal-linja tat-telefonija b'xejn. B'dana pero' illi jekk minn din il-linja jsiru *overseas calls,* allura f'dan il-kaz ikun iridu jithallsu minnu.

F'Marzu 2003 saret donazzjoni lill-Partit Nazzjonalista mill-linja personali ta' l-attur kif jidher mill-kont numru 1914610 tas-7 ta' Marzu 2003 li jinsab esebit a fol 23 tal-process. Minkejja illi r-regolamenti ma jsemmu xejn x'isir minn donazzjonijiet, Mario Rogers a fol 26 spjega illi l-*financial control unit* jimmoniterja l-kontijiet kollha u fejn ikun hemm *overseas calls* jew inkella donazzjonijiet f'dan il-kaz ikunu jridu jithallsu lura. Fil-fatt hekk gara f'dan il-kaz u gie ampjament ippruvat illi d-donazzjoni ta' hames liri maghmula mil-linja personali ta' l-attur thallset minnu u mhux mill-Gvern. Irrizulta illi l-agir ta' l-attur kien wiehed korrett, skond l-etika tal-grad gholi ta' responsabbilta' illi ghandu fis-servizz civili.

Ikkunsidrat:

Illi fit-trattazzjoni tieghu l-abbli avukat tal-konvenut qajjem il-kwistjoni dwar il-konnessjoni illi l-konvenut kellu ma' l-artikolu in kwistjoni. Fil-kopji

ta' l-artikolu esebit mill-attur, minn imkien ma jirrizulta xi konnessjoni bejn l-artikolu u l-konvenut Kurt Farrugia. Lanqas ma ngabu xi provi illi hemm xi konnessjoni bejn il-konvenut u s-sit Maltastar.com. Il-provi kollha f'din il-kawza kienu limitati ghall-meritu. Donnu l-attur kien qed jassumi li l-konvenut kien responsabbli ghall-artikolu in kwistjoni, izda quddiem il-Qorti ma tista' tassumi xejn u riedu jingiebu provi illi jorbot il-konvenut ma' l-artikolu lamentat. F'dan il-kaz il-Qorti jidhrilha li din il-prova ma saritx u l-Qorti ma tistax tikkundanna lill-konvenut ghal xi haga li ma rrizultax li ghamel.

F'kawza civili l-attur irid almenu jipprova fi grad li trid il-Ligi u cioe' f'dak ta' probabilita', illi huwa sofra hsara b'tort tal-konvenut. Jekk ma jaghmilx din il-prova l-azzjoni tieghu ma tistax tirnexxi.(ara Dr H Lenicker vs J Camillieri Prim Awla deciza fil-31 ta' Mejju 1972) anke jekk il-konvenut ma jippruvax – ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova – li ma jkunx responsabbli ghall-hsara lamentata mill-attur. F'dan il-kaz il-konvenut ghazel is-silenzju, dritt li kellu skond il-ligi u halla kollox f'idejn l-attur sabiex jipprova l-kaz tieghu. Kif gia nghad, l-aktar prova mportanti u cioe' l-konnessjoni tal-konvenut ma' l-artikolu in kwistjoni ma gietx ippruvata (ara Joseph Tonna vs Philip Azzopardi Appell Inferjuri 12 t'April 2007).

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad it-talba ta' l-attur bl-ispejjez kontra tieghu."

L-attur appella minn din is-sentenza u talab ir-revoka taghha ghall-motiv illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament errat tal-provi u naqset ukoll milli tapplika sewwa l-principji tad-dritt ghall-fatti;

In sintesi, is-sentenza appellata tikkampa l-konkluzjoni taghha fuq ir-ragonament ta’ dak sottomess lill-Qorti mill-Avukat tal-konvenut fil-kors tad-dibattitu finali, u, cjoe, li ma ngiebetx prova li torbot lill-konvenut mal-pubblikazzjoni allegatament libelluza. L-appellant jikkritika dan ir-ragonament bil-kontenzjoni illi l-konvenut ma ressaq ebda eccezzjoni u ebda kontestazzjoni illi hu ma kienx il-persuna idoneja li kellu jigi citat b’konnessjoni ma’ dik l-istess pubblikazzjoni. Huwa jissokta jissottometti illi l-Kapitolu 248 ma jikkontjeni ebda provvediment tassattiv li jimponi fuqu illi, preordinatament ghall-prova tal-fatt tal-malafama, huwa kellu jgib prova dwar min kien l-editur tal-pubblikazzjoni. *Multo magis*, imbaghad, skond l-appellanti, meta ma kienet tezisti ebda kontroversja u ebda kuntrast dwar dan u, anzi, il-konvenut illimita ruhu ghall-kontestazzjonijiet fil-mertu;

Certament, il-kwestjoni hawn devoluta bl-appell tintroduci aspetti ferm importanti ta’ indoli procedurali. Mhux l-anqas fosthom, il-principju tar-rispett tal-kontradittorju, in kwantu regola processwali, fejn il-partijiet ikunu nghataw il-possibilita` shiha li jesponu l-assunt taghhom u li jipproducu l-provi ghas-sostenn taghhom;

L-atti jistabilixxu illi kontra l-azzjoni ta’ l-attur ghar-rizarciment tad-danni minn stampat malafamanti, il-konvenut nizel fil-kamp tal-battalja processwali bid-difizi notorji f’kawzi ta’ din ix-xorta. Distingwibilment, (i) illi l-pubbikazzjoni ma kienetx libelluza; (ii) illi l-artikolu jikkonsisti f’rappurtagg gurnalistiku dwar materja ta’ interess pubbliku, hekk accettabbli fil-parametri tal-ligi dwar id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali; u (iii) illi l-pubblikazzjoni tikkonsistit f’ “*value judgement*” tal-gurnalist u hi “*fair comment*” maghmula in bwona fede;

L-istess atti jkomplu jevidenzjaw illi l-vicenda processwali giet stradata fuq il-kompilazzjoni tal-provi li jsostnu l-pretensjoni ta’ l-attur jew, xort’ohra, id-difizi tal-konvenut. Gara f’dan il-kaz, kif diga` osservat, u kif hekk jinzel mis-

sentenza appellata, illi fil-kors tad-dibattitu orali finali qabel is-sentenza, id-difensur tal-konvenut issolleva l-kwestjoni dwar in-nuqqas ta' konnessjoni tal-patrocinat tieghu mal-pubblikazzjoni. L-ewwel Qorti hadet spunt minn din is-sottomissjoni u indirizzat ruhha versu l-konkluzjoni illi la l-attur ma gabx provi li jikkonnetti lill-konvenut ma' l-artikolu jew mas-sit medjatiku li fih ixxandar dak l-artikolu, hi ma setghetx tissanzjona lill-konvenut billi tikkundannah ghar-rizarciment tad-danni kif mill-attur invokat;

Hu principju kardinali ben affermat fid-duttrina procedurali illi l-gudikant hu fid-dmir li jiddeciedi *iuxta alligata et probata*. Li jfisser, illi d-decizjoni tieghu ghandha tkun estratta unikament in bazi ghall-allegazzjonijiet tal-partijiet u tac-cirkustanzi tal-fatti dedotti u provati ghab-bazi tat-talba jew ta' l-eccezzjoni. S'intendi, tali principju hu mahsub biex ikun assikurat illi hadd mill-partijiet ma jigi sorpriz b'decizjoni bazata fuq fatti jew difizi mhux dedotti jew provati, u li dwarhom il-partijiet ma kellhomx lanqas il-possibilita` li jirreagixxu bi prontezza u fil-mument opportun ghalihom;

Dan qed jigi rilevat, u sottolinejat ukoll, ghaliex fil-hsieb tal-Qorti, minn dak riskontrat mill-atti tal-kaz prezenti, l-atteggjament difensiv tal-konvenut bir-risposta tieghu ghat-talba attrici u dik tal-kondotta processwali minnu assunta, almenu sal-mument tad-dibattitu orali, ma setax ma jnisselx il-konvinzjoni illi kellu jkun presuppost illi hu accetta li kien il-legittimu kontradittur, u allura li kienet pacifika s-sussistenza tan-ness konnettiv tieghu mal-pubblikazzjoni. F'liema kaz, l-attur ma kellux htiega li jgib prova dwarha, u, anzi, kien ezonerat mill-oneru li hekk jaghmel. Ir-raguni il-ghala dan hu hekk m'ghandhiex ghalfejn tigi ricerkata fil-profond. Meta konvenut jimposta l-linja difensjonali tieghu b'mod li minnha jista' razzjonalment jitraxxendi li certu fatt huwa pacifiku ghax mhux specifikament kuntrastat, il-kontro-parti m'ghandux ghalfejn igib prova ta' dak il-fatt ghax l-ezistenza tieghu hi inkontroversa u tali johrog dak l-istess fatt mill-ambitu ta' l-accertament dwaru;

Fejn, imbaghad, il-konvenut fi stadju ulterjuri jew inoltrat tal-prosediment iqajjem kwestjoni fuq fatt partikolari jew ukoll jiddiskonoxxi l-involviment tieghu fil-vicenda, sew il-bon sens kif ukoll il-prudenza kellhom jallarmaw u jiddettaw lill-Qorti adita fil-mertu illi, almenu, la l-konvenut ghogbu jivventila ghall-ewwel darba u f'dak l-istadju dik l-istess kwestjoni, ta' indoli ta' eccezzjoni, alkwantu tardiva, l-attur kellu jinghata l-opportunita shiha li jirribatti dik is-sottomissjoni jew eccezzjoni gdida bil-prova kuntrarja debita, u dan qabel ma l-Qorti ghaddiet ghall-pronuncjament li permezz tieghu rrinfaccjatu bin-nuqqas ta' prova. Dan il-principju ta' haqq u ta' gustizzja mhux xi haga innovattiva li ma giex diga` adottat mill-Qrati taghna. In partikolari, f'materja ta' karenza ta' interess guridiku ssollevat *ex officio* fl-ahhar fazi tal-procediment, jew anke fis-sentenza nnifisha. Ara f'dan is-sens "**Veronique Amato Gauci *et* -vs- Marco Zammit *et***", Appell Inferjuri, 19 ta' Mejju, 2004 u "**Kevin Chircop -vs- Joseph Chircop**", Appell Superjuri, 1 ta' Dicembru, 2006. Taht dan il-profil hi l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-aggravju hu wiehed fondat u ghandu jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi predetti l-Qorti qed tilqa' l-appell, thassar is-sentenza appellata, u wkoll in konsiderazzjoni ghall-principju tad-*doppio esame*, tirrinvija l-atti lura lill-ewwel Qorti ghad-decizjoni skond il-ligi. L-ispejjez ta' dan l-appell jitbatew, fic-cirkustanzi, b'mod indaqs mill-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------